# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 10 ta' Marzu 2016**

Rikors Guramentat Nru. 153 / 12RGM

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici fl-4 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Peress illi l-attrici kienet mizzewga lill-intimat sa mid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed . Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla, E li llum ghandha ghaxar (10) snin;

Peress illi l-partijiet sseparaw b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

Peress illi l-partijiet ottjenew ukoll id-divorzju b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-tnejn (2) tat Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011);

Peress illi fl-imsemmija sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn giet deciza s-separazzjoni personali kien deciz illi l-intimat ghandu jhallas l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri;

Peress illi l-minuri ghandha htigijiet edukattivi superjuri ghal dawk illi kellha fiz-zmien meta giet deciza l-kawza tas-separazzjoni, tant illi zdiedu l-ispejjez ta' kotba u 1-ispejjez tal-lezzjonijiet privati illi huma sostanzjali stante illi l-minuri zviluppat Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD), zdiedu ukoll l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari illi hija taghmilhom ukoll fuq parir tal-psikologu taghha bhala parti mill-kura ghall-istess kundizzjoni, kif ukoll spejjez medici relatati mal-istess inkluz spejjez ta' psikologu.

Peress illi minn mindu sseparaw dan il-bdil ta' cirkustanzi ghamel il-manteniment deciz minn din l-Onorabbli Qorti wiehed inadegwat;

Peress illi il-medjazzjoni illi nfethet mill-attrici sabiex isiru t-tibdiliet necessarji bonarjament ma kellhiex ezitu pozittiv u ghaldaqstant kellha tinghalaq l-istess medjazzjoni;

Peress illi l-attrici gabet l-awtorizazzjoni biex tipprocedi ghal din il-kawza permezz ta' digriet;

Peress li l-konvenut jahdem bhala *self employed* fix-xoghol tal-irham u jaqla ammonti sostanzjali filwaqt illi l-attrici hija dizimpjegata u m'hijiex f'posizzjoni illi tahdem ghaliex ghandha wkoll tarbija ta' hmistax (15) -il xahar;

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex din il-Qorti :

a. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari aktar adegwata ghall-htigijiet prezenti tal-rninuri, skont kif tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut minn issa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta' Awwissu 2012 li taqra kif gej:-

Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi hija ghandha l-possibilita' li tahdem u kapacita' li tahdem u dan il-fatt rnhux qed tressqu ·il' quddiem.

Illi jekk kien hemm bdil ta' cirkostanzi, daqstant iehor kien hemm bdil ta' cirkostanzi ghall-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2012 fejn giet nominata Dottor Fransina Abela bhala Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota pprezentata fil-11 ta' Gunju 2013, li biha gie pprezentat l-affidavit tal-attrici;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda registrati fis-seduti tal-11 ta'Ottubru 2013 u tad-29 ta' Novembru 2013 fejn sar l-kontroezami tal-attrici;

Rat n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fil-5 ta'Dicembru 2014;

Rat id-dokumenti tal-attrici pprezentati b'nota tat-30 ta'Jannar 2015;

Rat n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut pprezentata fis-26 ta' Jannar 2015 u dik ulterjuri pprezentata fis-16 ta'Marzu 2015;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta' Novembru 2015 li maghha gie anness l-affidavit ta' Nicolette Sammut B;

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Novembru 2015 fejn irrileva li kien hemm xi dokumenti nieqsa fil-process;

Rat in-nota tal-konvenut tat-28 ta' Jannar 2016 li maghha gew annessi l-affidavit tal-konvenut u diversi ritratti li juru x-xoghol fuq id-dwiefer li sar mill-attrici, u kopja ta' VAT Return tal-konvenut;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha annessi;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attrici u d-Difiza tal-Konvenut.**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici, filwaqt li taghmel referenza ghal sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2011 minn din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz taghha l-konvenut gie kkundannat ihallas manteniment ghall-minuri li dak iz-zmien kellha tmien (8) snin is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar, qed titlob awment fir-rata tal-manteniment tal-minuri peress li l-attrici ssostni li:-

(a) il-minuri llum ghandha "htigijiet edukativi superjuri" ghal dawk ezistenti fiz-zmien li inghatat is-sentenza imsemmija peress li l-minuri zviluppat kondizzjoni medika imsejha 'attention deficit hyperactivity disorder' (ADHD);

(b) zdiedu l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari illi qed taghmilhom fuq parir tal-psikologu taghha bhala parti mill-kura ghall-istess kundizzjoni

(c ) spejjez medici relatati mal-istess kundizzjoni inkluz spejjez ta' psikologu.

Il-konvenut min-naha tieghu qed jilqa' ghall-azzjoni attrici permezz ta' zewg eccezzjonijiet principali:-

(a) L-attrici ghandha l-possibilita' li tahdem u kapacita' li tahdem

(b) Jekk hemm bdil ta' cirkostanzi daqstant iehor kien hemm bdil ta' cirkostanzi ghall-konvenut.

**Provi.**

Il-partijiet izzewgu fid-9 ta' Gunju 2001, u kellhom tifla, E li twieldet fis-sena 2002, isseparaw b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-26 ta' Marzu 2010, u ddivorzjaw b'sentenza tal-istess Qorti tat-2 ta' Dicembru 2011. Fis-sentenza ta' separazzjoni il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' Euro 150 fix-xahar u dan ghall-htigijiet kollha taghha inkluz dawk edukativi u medici.

L-attrici qed titlob zieda fil-hlas tal-manteniment pagabbli mill-konvenut ghat-tifla minuri ghaliex issostni li meta inghatat is-sentenza il-minuri ma kinitx ghadha giet certifikata li qed tbati mill-kondizzjoni ADHD. Fl-affidavit taghha l-attrici specifikat li l-manteniment ghandu jizdied b'mitt Euro (€100) fix-xahar sabiex minn €150 fix-xahar jigi awmentat ghal €250 fix-xahar filwaqt li qed titlob ukoll li l-ispejjez extra kurrikolari u ta' sahha ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

Fl-affidavit taghha[1] l-attrici xhedet illi:-

*Illum il-gurnata il-htigijiet ta' E huma differenti hafna minn dawk illi kienu l-htigijiet taghha waqt is-separazzjoni. Ibda biex, dak iz-zmien kienet ghadha ma kienetx misjuba li tbati bil-kundizzjoni ADD, liema dianjosi saret biss ftit xhur wara u cioe fis-7 ta' Gunju, elfejn u ghaxra (2010) minn Gino Mule' Stagno li*

[1] Fol. 38

*huwa Registered Educational Psychologist (Ara Dok A anness). Dan il-psikologu kien tqabbad mill-partijiet wara li gie ssuggerit mill-headteacher tal-iskola tat-tifla. Fuq suggeriment tas-Sur Mule' Stagno kif misjub fir-rapport tieghu jiena hadt lil E ghand occupational therapist bl-isem Janet Vella Gera ghal madwar sitt darbiet. Jiena ma rajt l-ebda tit jib fil-kundizzjoni tat-tifla u ma bqajtx nohodha. Ma nistax niftakar jekk kienetx ittini rcevuti ta' meta kont immur ghaliex ma nistax insibhom.*

*Minn dak iz-zmien jiena komplejt insus fuq l-edukazzjoni tat-tifla u bdejt ukoll nohodha lezzjonijiet privati ghand Ms Judith Dimech, li ssugietli li mmur ghand psikologu iehor ghaliex bdiet thoss li l-problemi zdiedu. Jiena hadt lit-tifla ghand Samantha Corrieri Dela - Child and Adolescent Psychologist li ghamlet rapport fil-wiehed u tletin (31) ta' lulju, elfejn u tnax (2012). Id-dianjosi taghha kienet illi s-sitwazzjoni ta' E ggravat ghal wahda ta' ADHD u li kellha wkoll dyslexia. Din il-psikologa ssuggeriet, fir-rapport taghha illi t-tifla jaghmillha tajjeb illi tibqa tattendi l-attivitajiet extrakurrikulari taghha, li kienu l-ginnastika u l-kant ghaliex dawn jghinuha tizviluppa s-self esteem us-self confidence taghha. (Ara Dok B anness).*

*Meta kont ghadni mizzewga E kienet diga' taghmel il-gimnastika pero' ma kienetx tattendi ghal hafna lezzjonijiet dak iz-zmien u kien hemm zmien waqt is-separazzjoni li kienet waqfet pero' meta rrealizzajt illi il-gimnastika kienet ta' gid ghal E jiena ergajt bdejt nibghatha. Peress illi issa ilha tipprattika dan l-isport ghat-tmien snin in-numru ta' lezzjonijiet taghha zdiedu u illum tmur erba' sieghat fil-gimgha fix-xitwa u bejn tmienja u tnax -il siegha fis-sajf.*

- *Jiena llum inhallsilha hamsa u sebghin ewro (€75) kull tlett xhur ghalkemm fis-sajf jizdiedu drastikament. Mhux kull sena jkunu jqumu l-istess ammont ta' flus. ls-sena l-ohra per ezempju kont nibghata lezzjonijiet ma "Educational Gymnastics" u kont inhallsilha mija u ghoxrin ewro (€120) ta' tmintax (18) -u sezzjoni fls-sajf. (Ara Dok C (i) u (ii) annessi).*

- *E taghmel ukoll lezzjonijiet tal-kant u recordings tad-diski taghha u ta' dawn inhallsilha erbghin ewro (€40) fix-xahar mizata tal-lezzjonijiet kif ukoll mitt ewro (€100) 'guidance' waqt ir-'recordings' ghal erba' (4) diski (Ara Dok D anness). Hija tirrekordja bejn diska fix-xahar u diska kull xahrejn. Minbarra dan hemm ukoll mizata ta' hamsin ewro (€50) kull diska ghar-recording studio (Ara dokumenti annessi u mmarkati Dok E (i) sa (iv)).*

*Minbarra dawn l-ispejjez hemm ukoll l-ispejjez dejjem jikbru tal-iskola.*

- *Jiena nhallas madwar mitt ewro (€l00) kotba tal-iskola (Ara Dok F (i) sa (iv) u ammont addizzjonali ulterjuri fi stationery ghall-iskola.*

- *L-ispejjez tal-uniformijiet ukoll dejjem jikbru u ghalkemm m'ghandix ircevuti tal-uniformi li xtrajtilha sentejn ilu, is-sena l-ohra xtrajtilha l-gakketta u z-zarbun (Ara dok G (i) u (ii)) li jammontaw ghal madwar hamsin ewro (€50). Is-sena d-diehla E ser ikollha wkoll bzonn ta' uniformi gdida kompletament ghaliex ser tmur senior school u l-uniformi tinbidel.*

*Spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni huma il-hlas tas-segwenti:*

- *d-donazzjoni li jammonta ghal erbgha mija u hamsin ewro (€450) (Ara Dok H anness li juri d-donazzjoni li thallset is-sena l-ohra stante illi d-donazzjoni ghal din is-sena ghadha ma thallsetx);*

- *it-trasport lejn u mill-iskola li jammonta ghal erba' mija u ghoxrin ewro (€420) li mitt ewro minnhom (€100) jithallsu depositu fis-sajf (Ara Dok 1 (i) sa (iv));*

- *lezzjonijiet privati li jsiru saghtejn fil-gimgha matul is-sena u saghtejn kuljum fil-gimghatejn qabel l-ezamijiet liema lezzjonijiet jiswew hames ewro (€5) s-siegha li jammontaw ghal circa tlett mija u sittin ewro (€360) matul is-sena (9 xhur x 4 gimghat x €10 ghal saghtejn) kif ukoll circa tlett mija u ghoxrin ewro (€320) lezzjonijiet extra qabel l-ezamijiet ghall-ammont globali ta' sitt mija u tmenin ewro fis-sena (€680) (Ara Dok J u l-affidavit tas-Sinjura Judith Dimech);*

- *Sessions ta' terapija ghad-dyslexia mal-instituzzjoni Inspire li bdiet taghmilhom f'Ottubru 2012 u li jammontaw ghal sbatax -il ewro (€l7) fis-siegha u jridu jsiru darba fil-gimgha jew perjodi aktar spissi skont il-bzonn (Ara Dok K);*

- *Darba kull sentejn E jkollha wkoll bzonn tmur ghall-sessions ghand psikologu/a sabiex jerga' jaghmillha assessment, fil-fatt fl-ahhar assessment ta' Samantha Corrieri Dela hemm indikat li l-assessment li jmiss irid isir wara sentejn. Dawn is-sessions jammontaw ghal circa tlett mitt ewro (€300) (Ara d-dokumenti annessi u mmarkati L (i) sa (vi) li juru l-ammont imhallas ghas-sessions li saru qabel ma gie redatt l-ahhar rapport tal-psikologa).*

- *Hwejjeg ta' kuljum illi nixtrihomlha kemm minn Malta u kemm minn fuq websites biex nipprova niffranka ftit flus. Dejjem nonfoq madwar tlett mitt*

*ewro (€300) fil-bidu tas-sajf u fil-bidu tax-xitwa (Ara ftit mill-ircevuti li rnexxieli nsib annessi u mmarkati Dok M (i) sa (iii) apparti zraben li jiswew mal-erbghin ewro (€40) l-wiehed (Ara Dok N anness) ), underwear / hwejjeg tas-sodda (Ara Dok O anness) u kostumi li bihom E tkanta (Ara Dok P (i) u (ii)) u kostumi tal-karnival (Ara Dok Q anness) ghaliex tkanta fil-karnival u tiehu sehem fl-attivitajiet.*

*Jiena dawn l-ispejjez qieghda naghmilhom prattikament wahdi jew bl-ghajnuna ta' qraba tieghi ghaliex 1-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar ma jkopru xejn minn dawn l-ispejjez edukattivi, extra kurrikulari u ohrajn izda biss ikopru minimament l-ikel u l-affarijiet bazici hafna tat-tifla.*

*Jiena ghandi tarbija ta' sentejn u ma nahdimx kemm minhabba dan il-fatt u kemm minhabba l-fatt illi 1-kundizzjoni ta' E ma tippermettix illi jiena ma nkunx id-dar ghaliex ituha tantrums illi ma tkunx tista' tikkontrollhom. Hija ghandha wkoll bzonn attenzjoni kontinwa sabiex taghmel xogholha ghaliex ghandha attention deficit.*

*L-introjtu tieghi gej mill-beneficcji socjali li huma maqsumin:*

- *Beneficcju tal-Ghajnuna Socjali: dan jammonta ghal erba' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€425) fix-xahar (Ara Dok R anness)*

- *Children's Allowance: dan jammonta ghal hames mija u sebgha u sebghin (€577) kull tlett xhur ghaz-zewgt itfal. (Ara Dok 5 anness).*

B’nota pprezentata fit-30 ta’ Jannar 2015 l-attrici pprezentat diversi dokumenti u ricevuti in sostenn tat-talba taghha.

L-attrici kkonfermat in kontro-ezami illi ghalkemm ghandha s-sengha ta’ hairdresser ma kinitx taghmel dan ix-xoghol fid-djar (seduta tal-11 ta’ Ottubru 2013 quddiem l-Assistent Giudizzjarju, fol 53 tal-process). Fis-seduta sussegwenti tad-29 ta’ Novembru 2013 (fol 56 tal-process), ddikjarat li kienet tpingi d-dwiefer taghha biss bhala passatemp u ma ghandhiex s-sengha billi qatt ma tghallmet. Dwar it-talba taghha li kienet ghamlet ghad-divorzju hija spjegat illi f’dawk il-proceduri hija giet mistoqsija biss jekk hux qed tircevi l-manteniment li kienet ordnat il-Qorti izda ma gietx mistoqsija jekk kinitx kuntenta bil-quantum tal-manteniment li l-konvenut kien qed ihallas.

B’nota pprezentata fit-30 ta’ Jannar 2015, l-attrici pprezentat diversi dokumenti, fosthom, Dok A Dianjosi tar-Registered Educatioal Psychologist Gino Mule’ Stagno, Dok B Rapport ta’ Samantha Corrieri Dela, Child and Adoloscent Psychologist, Dok C Ricevuta tal-Educational Gymnastics, Dok D Ricevuta tal-

lezzjonijiet tal-kant, Dok E Ricevuti tar-Recording Studio, Dok F Ricevuti tal-kotba tal-iskola, Dok G Ricevuti ta' items mill-uniformi, Dok H Ricevuta tad-donazzjoni tal-iskola, Dok I Ricevuti tat-trasport tal-iskola, Dok J Ricevuta tal-lezzjonijiet tal-privat Dok K Ricevuti ghas-sessjonijet ta' terapija ghad-Dyslexia, Dok L Ricevuti ta' sessjonijiet ghand psikologu/a, Dok M Ricevuti ta' hwejjeg Dok N Ricevuti ta' zraben Dok O  Ricevuta ta'hwejjeg, Dok P Ricevuti ta' kostumi ghall-kant, Dok Q Ricevuta ta' kostum tal-karnival Dok R Dokument dwar il-beneficcji socjali li tircevi l-attrici u Dok S Dokument dwar c-children's allowance li ticevi l-attrici ghall-zewgt itfal.

**Il-konvenut C D B** xehed bil-mezz ta' affidavit.[2] Huwa spjega illi  wara li ghaddew erba' snin mis-separazzjoni l-attrici bdiet il-procedura ta' divorzju u ddikjarat li ma kienx hemm problemi fil-hlas tal-manteniment, ftit xhur wara fethet din il-kawza ghar-revizjoni tal-manteniment. Hu ddikjara li l-posizzjoni finanzjarja tieghu marret ghal aghar minn meta inghata is-sentenza f'Marzu tal-2010 billi x-xoghol tieghu ta' tqieghid tal-irham naqas konsiderevolment. Id-dhul tieghu ghas-sena 2014 kien ta' Euro 8,219.  Il-konvenut xehed li l-attrici hi kwalifikata bhala hairdresser, ghalkemm ghalqet il-hanut propju minhabba l-kwistjoni tal-manteniment, u hi ukoll nail technician u tahdem fid-djar tal-klijenti taghha, bla spejjez ta' xejn. Hu ipprezenta diversi pagni mill-Facebook fejn jidher ix-xoghol taghha u l-kummenti favorevoli tal-klijenti. Hu inoltre ddikjara li hi tahdem fil-hwienet tal-partner taghha, Anthony Tanti li ghandu chain ta' stabbilimenti tal-pastizzerija. It-tifla billi ghandha hafna impenji qed tkun mieghu ghal anqas zmien u hu jixtrilha dak li titolbu bhal kotba u hwejjeg; ghaddhiela Euro 50 biex tmur weekend mal-iskola. Hu ilmenta mill-fatt li kienet decizzjoni unilateral tal-attrici minghajr ebda konsultazzjoni mieghu li hargitha minn skola tal-Gvern li hi b'xejn u dahhlitha fis-skola tal-Knisja, Sacred Heart, fejn trid thallas ghat-trasport u donazzjonijiet. Hu qal li mit-tip ta' mobile phones li ghandha kemm hi kif ukoll it-tifla, ma tidhirix nieqsa mill-flus. Xtrat karozza gdida waqt is-separazzjoni. Hu ddikjara li it-tifla ma ghadhiex tattendi lezzjonijiet tal-privat. Fl-opinjoni tieghu t-tifla ghandha izjed tikkoncentra fuq l-iskola milli fuq il-kant anke minhabba l-ispejjez li dan jinvolvi ta' kostumi differenti ghal kull diska, u l-ispejjez li hemm fir-recording. Hu kkontesta l-allegazzjoni tal-attrici li jsiefer hames darbiet f'sena, fl-ahhar ghaxar snin siefer tlett darbiet u ghal erbghat ijiem biss mentri hi isiefer ghal zmien itwal u anke cruise marret mat-tifla, il-partner u t-tifel taghhom.

**Nicolette Zammit B**, oht il-konvenut, fl-affidavit taghha, Fol. 155, kkonfermat li l-attrici hi hairdresser, kellha hanut, kellha klijentela tajba tant li hi kienet tmur tghinha fil-weekends, izda dan il-hanut nehhietu mill-ewwel gurnata li kellha xi tghid ma' huha, il-konvenut. L-attrici hi mara kapaci hafna, partikolarment fix-

[2] Fol. 65

xoghol tad-dwiefer tan-nisa. Dan hu kkonfermat mill-album li hi stess nizlet mill-Facebook page tal-attrici, fejn jidher ix-xoghol specjalizzat taghha, u l-kummenti tal-klienti b'ringrazzjament u apprezzament. Hi kkonfermat li dan ix-xoghol "ihalli flus sewwa".

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-kawza odjerna mhijiex dwar talba ta' omm istitwita ghall-ewwel darba kontra l-missier ghall-manteniment tal-minuri. Izda hi kawza sussegwenti ghall-kawza ohra fejn b'sentenza tal-2010 il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut ihallas manteniment ghall-htigijiet kollha tal-minuri minuri fis-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar skont ic-cirkostanzi ezistenti fiz-zmien li inghatat dik is-sentenza.

In tema legali ghandu jinghad illi llum il-gurnata l-obbligu fir-rigward tal-manteniment tal-ulied minuri jaqa' fuq iz-zewg genituri b'mod ugwali.

**Artikolu 3 tal-Kap 16** jjipprovdi illi:

*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lill-xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htiegijiet tal-familja.*

Dwar d-dmir tal-mizzewgin lejn l-ulied l-**Artikolu 3B** jghid hekk:

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied: (a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew (b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

Dwar x'jikkomprendi manteniment ghall-ulied fost l-ohrajn **artikolu 19 tal–Kap 16** jipprovdi li dan jinkludi l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni; skond is-sub incis(2) fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjes mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

**Artikolu 20 tal-Kap 16** imbaghad jispjega x'inhuma l-konsiderazzjonijiet rilevanti ghal-likwidazzjoni tal-quantum tal-manteniment:-

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.*

**Artikolu 57** imbaghad jipprovdi illi:-

*(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.*

L-artikolu tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kawza odjerna huwa **s-sub-inciz 9 tal-Artikolu 54 tal-Kap. 16**:-

*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment*

*li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha.*

Fil-kawza odjerna l-attrici qed tikkontendi illi kien hemm tibdil fil-bzonnijiet tal-minuri li gara wara s-sentenza moghtija u li ghalhekk qed titlob lill-Qorti tordna awment fil-hlas tal-manteniment pagabbli mill-missier ghall-minuri.

Skond il-gurisprudenza nostrana f'kawzi ta' din ix-xorti l-Qorti ghandha qabel xejn tiddistingwi dawk il-kazijiet fejn qed issir talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment stabbilit b'sentenza u dawk il-kazijiet fejn it-talba ghall-varjazzjoni tirreferi ghall-manteniment stabbilit b'kuntratt bonarjament.

Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet "**Saviour Galea vs Carmela Galea**"il-Qorti tal-Appell ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina. Saret referenza ghas-sentenza ***Mary Vella vs D Vella*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Jannar 1996:- "……….hu minnu li l-ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege' jigifieri dak determinat b`sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu tezisti l-possibilita ta` min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skont ma jkun il-kaz jekk jigi fi stat li ma jkunx jista jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu." Il-Qorti kompliet tiddikjara illi l-kriterji applikabbli meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie impost mill- Qorti. Hekk ukoll fil-kawza* ***Alfred Grech vs Pauline Grech*** *fuq citata, l-Qorti tal-Appell abbracjat il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza Vella Utrinque pronunzjata tmien snin qabel u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:- "Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment*

*ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn." "Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament gurisprudenzjali u filwaqt li tadottah taghmel referenza ghal sentenza minnha moghtija fit-3 ta' April 2014 fl-ismijiet* ***Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri*** *fejn gew ukoll abbraccjati l-istess principji hawn adottati. "Applikati dawn il-principji ghal kaz in dizamina jinghad illi dak li jrid jigi investigat hu jekk giex sodisfacentement pruvat illi minn meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejn il-partijiet fissena 1985, tletin sena ilu, kien hemm bdil notevoli fic-cirkostanzi tali li jinnecessitaw varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment.*

Ikkunsidrat;

Stabbiliti l-binarji legali u gurisprudenzjali li jirregolaw it-talbiet attrici l-Qorti issa ser tghaddi sabiex tevalwa l-provi mressqa fid-dawl tal-ligi applikabbli kif interpretata kostantement mill-Qrati tagha.

Jirrizulta li wara li l-partijiet isseparaw b'sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Marzu 2010 u d-divorzjaw fis-sena 2011 illum jikkoabitaw ma' terzi, u jidher li t-tnejn ghandhom relazzjoni permanenti mas-sieheb u s-siehba rispettiv taghhom.

Il-kawza odjerna giet istitwita fl-4 ta' Lulju 2012.

L-attrici tikkontendi illi minn wara l-ghoti tas-sentenza imsemmija t-tifla minuri tal-partijiet,E zviluppat kondizzjoni mgharufa bhala Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u bhala konsegwenza zdiedu sostanzjalment l-ispejjez tat-tifla b'mod partikolari dawk relatati ma' lezzjonijiet privati, konsultazzjonijiet medici regolari ma' psikjatra, spejjez relatati ma' attivitajiet extra kurrikulari li jghinu lit-tifla tgheleb il-bzonnijiet specjali li ghandha kagun ta' tali kondizzjoni medika.. Dawn huma principalment l-ispejjez godda, billi naturalment hemm spejjez ohra ta ikel u ilbies. Minn ezami tal-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma illi l-attrici resqet provi sodisfacenti li juru illi minn wara s-sentenza tas-sena 2010 kien hemm bdil sostanzjali fil-kondizzjoni tat-tifla illi kellu effett sostanzjali fl-ispejjez mehtiega ghat-tifla. Huwa rilevanti r-rapport intitolat "Psychological Assessment Report" datat 31 ta' Lulju 2012 u ppreparat mill-Psikologa tat-Tfal u Adoloxxenti Samantha Corrieri Dela[3] u cioe' sentejn wara li inghatat is-sentenza. L-attrici ezebiet ukoll rapport ta' Gino Mule' Stagno, Registered Educational Psychologist, Dok A, fol.96 tal-process. Iz-zewg rapporti jikkonfermaw li l-minuri tbaghati minn din il-kondizzjoni partikolari. Insibu illi

[3] Fol. 103

saru rakkomandazzjonijiet fis-sens illi “Continuation of complementary tuition will be beneficial to E” (fol.101). Hemm ukoll rakkomandazzjoni dwar extra curricular activities: “It is my opinion that E would benefit from continuing to attend her extra curricular activities, that is, gymnastics and singing as these would help develop her self-esteem and self-confidence.” (Fol.114 tal-process.).

Jirrizulta illi kien hemm bdil iehor fic-cirkostanzi tal-minuri fis-sens illi minn skola statli bdiet tattendi skola tal-Knisja. Il-konvenut jikkontendi illi tali bidla sehhet minghajr il-kunsens tieghu. Jghid ukoll illi tali bidla ma kinitx fl-interess tal-minuri ghaliex jikkontendi illi setghat tircevi l-istess livell ta’ edukazzjoni mill-iskejjel statali. Bhala stat ta’ fatt jirrizulta illi il-bidla fl-iskola tal-minuri wassal ghal zieda fl-ispejjez relatati mal-edukazzjoni taghha li qabel kienet kompletament b’xejn. Skont is-sentenza tas-26 ta’ Marzu 2010 “il-kura u kustodja tkun kongunta” b’dan illi l-minuri tirrisjedi mal-omm b’access versu l-missier. Ma jidhirx li l-missier ha xi azzjoni sabiex iwaqqaf il-bdil fl-iskola tal-minuri. Il-Qorti hi tal-fehma illi sakemm ma kienx hemm talba ghal zieda fil-hlas tal-manteniment il-missier ma kellu l-ebda oggezzjoni li bintu tmur skola tal-Knisja u li kien biss meta intalab jikkontribwixxi ghall-ispejjez relatati mal-edukazzjoni tat-tifla li meta jesterna l-oggezzjoni tieghu dwar il-bdil fl-iskola tat-tifla.

Ghalkemm fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut jghid “… illi dawn l-allegazzjonijiet illi qed taghmel illum certament ma zviluppawx mid-data tad-divorzju sakemm fethet il-medjazzjoni…” il-konvenut ma ressaq l-ebda prova illi fil-kawza li waslet ghas-sentenza fis-sena 2010 it-tifla kienet gia’ giet hekk certifikata. Fit-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut jissottometti “Illi jekk kien hemm bdil ta’ cirkostanzi, daqstant iehor kien hemm bdil ta’ cirkostanzi ghall-eccipjent”. Abbinat dan mal-kontenut tal-affidavit tal-konvenut il-Qorti hi tal-fehma illi l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi d-dijanjosi medika tal-minuri saret wara l-ghoti tas-sentenza tas-sena 2010 li l-likwidat il-manteniment tal-minuri pagabbli mill-missier fis-somma ta’ €150.00.

Il-Qorti hawnhekk taghmilha cara illi bl-ebda mod ma hi ser taghti gudizzju jekk il-manteniment moghti fis-sentenza tas-sena 2010 kienx adegwat jew le fic-cirkostanzi applikabbli dak iz-zmien. L-ezercizzju li l-Qorti ghandha taghmel fil-kawza odjerna huwa limitat ghall-ezami rigward bdil fic-cirkostanzi minn dawk applikabbli fis-sena 2010 u jekk tali bdil fic-cirkostanzi jwassalx ghal zieda fil-quantum ta’ manteniment pagabbli mill-missier.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li kien hemm bdil fic-cirkostanzi li jirrigwardaw il-minuri illi ziedu l-piz finanzjarju ghall-manteniment tal-istess minuri.

Il-missier qed jilqa' ghat-talba fiz-zieda tal-manteniment ghaliex jikkontendi li d-dhul tieghu naqas mis-sena 2010, Jghid hekk fir-risposta guramentata tieghu: "Il-qliegh tieghu nizel sostanzjalment kif gie (recte – kif ser jigi) ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."[4] Meta xehed pero' bil-mezz ta' affidavit jghid hekk:-

"Il-posizzjoni finanzjarja tieghi minn dak iz-zmien sal-lum, minflok tjiebet, baqghet bhal ma kienet. Ix-xoghol tieghi huwa self-employed u inqieghed l-irham u x-xoghol niehdu minghand haddiehor". Kompla jixhed illi f'dak iz-zmien tal-affidavit ma kienx hemm wisq bejgh ta' proprjeta' u ghalhekk id-domanda ghax-xoghol tieghu kienet naqset.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut hi fis-sens li f'zmien relattivament qasir, minn Dicembru 2010, data tas-separazzjoni, sa Lulju 2012, data tal-prezentata tar-rikors guramentat, mhux verosimili li zdiedu dawn l-ispejjez kollha, li l-attivitajiet extra curricular huma merament rizultat ta l-inizzjattiva unilaterali tal-attrici minghajr l-ebda konsultazzjoni mieghu, li c-cirkostanzi nbiedlu anke ghalih, billi qed jaqla' anqas minn qabel, u li l-attrici tista tahdem ta' hairdresser u taghmel mid-dar stess xoghol ta' kosmetika fuq id-dwiefer.

Id-dokumenti pprezentati mill-attrici b'nota tat-30 ta' Jannar 2015, fol.94 et seq. tal-process, huma dokumenti originali u awtentici, u jikkonfermaw li l-ispejjes huma konsistenti.

Il-konvenut jikkontendi li l-attrici tista' u fil-fatt qed tahdem mid-dar, jekk mhiex qed taghmel xoghol ta' hairdressing qed tahdem xoghol ta' kosmetika cioe' tpingija fuq id-dwiefer tan-nisa. Dan hu kategorikament michud mill-attrici, li dikkjarat li l-hanut ta' hairdresser li kellha ghalqitu wara tlett xhur, billi kienet qed titlef minnu, u dan snin ilu. Dwar ix-xoghol ta' kosmetika fuq id-dwiefer, iddikjarat li kienet taghmel taghha biss bhala hobby u m'ghandhiex sengha, fol.56 tal-process. L-attrici tikkontendi, li mhiex qed tahdem mid-dar, jew ghand il-klienti, indubbjament l-minuri certament tirrikjedi attenzjoni kontinwa, apparti l-fatt li anke it-tifel minuri tal-attrici mas-sieheb prezenti, Xylon ghandu bzonnijiet specjali, fol.83 tal-process. Din is-sitwazzjoni partikolari certament tillimita l-potenzjal taghha biex tahdem f'dan ix-xoghol ta' kozmetika fuq id-dwiefer; mill-banda l-ohra ir-ritratti ezebiti jikkonfermaw kemm il-livell professjonali tax-xoghol, kif ukoll il-kwantita', din ma tidhirx delizzju ghal-hbieb li jsir gratwitament. Fil-fehma tal-Qorti l-attrici ghandha attivita' lavorativa illi mhiex tiddikjara ghalkemm huwa difficli wiehed jasal ghal dak li effettivament l-attrici qed taqla. Isegwi ghalhekk illi l-attrici wkoll ghandha tikkontribwixxi mhux biss ghall-ispejjez mehtiega ghall-ghixien tal-minuri izda wkoll ghal dawk relatati mal-kondizzjoni medika tat-tifla u mal-edukazzjoni fi skola tal-Knisja.

[4] Fol. 25

Il-konvenut ghalkemm ipproduca dokument dwar l-introjtu tieghu ghas-sena 2014, ma ipprezentax it-Tax Returns tas-snin precedent biex juri jekk id-dhul tieghu naqasx kif jghid fir-risposta guramentata tieghu, ghalkemm fl-affidavit tieghu imbaghad jghid li d-dhul baqa' l-istess. Stabbilit illi kien hemm bdil fic-cirkostanzi rigwardanti l-htigijiet tat-tifla, il-Qorti qed tikkonkludi illi l-missier ghandu u kapaci jikkontribwixxu sehemu ghaz-zieda fl-ispejjez tal-minuri.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-partijiet fejn jezisti nuqqas serju ta' komunikazzjoni bejniethom, huwa aktar indikat li l-Qorti tistabbilixxi somma fissa ta' awment, milli awment riferibbli ghal nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Tenut kont ic-cirkostanzzi partikolari tal-kaz il-Qorti hi tal-fehma illi l-manteniment pagabbli mill-missier ghal bintu minuri ghandu jigi awmentat ghal mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar li jikkomprendi sehem il-missier mill-ispejjez kollha tal-minuri inkluz dawk relatati mas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikurali tal-minuri.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ghalhekk qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa' t-talba attrici u tordna li b'effett millum il-manteniment pagabbli mill-konvenut C D B lill-attrici A B ghall-minuri E ghandu jigi awmentat ghal mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar li jikkomprendi sehem il-konvenut mill-ispejjez kollha tal-minuri inkluz spejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas fl-eventwalita' li l-minuri tkompli tistudja full-time wara li taghlaq tmintax-il sena u dan sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin sena.

B'applikazzjoni tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attricii l-ispejjez tal-kawza.

**Imhallef** **Deputat Registratur**